BORMLA
LEĦEN IL-BELT TA' L-IMMAKULATA

VOL. 13 DIĊEMBRU 1987 GĦADD 155

# Marjoloġija tal-Kwadru Titulari tal-Knisja Kolleġjata ta' Bormla

*Jikteb MONS. CARMELO CASSAR*

***Il-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni Immakulata fil-kor tal-knisja kolleġjata ta' Bormla juri lill-Imqaddsa Verġni Marija kif – biex nitkellmu ta' bnedmin – Alla ħasibha minn dejjem u fil-fatt għamilha: mimlija bil-grazzja u bil-glorja. Biex ifisser fuq it-tila għadd ta' ħsibijiet teoloġiċi, il-pittur ħa l-ispirazzjoni tiegħu minn diversi testi bibliċi u nqeda b'simboli li n-nisrani mill-ewwel jifhimhom.***

Fil-kwadru Marija tidher bħala adulta. Il-figura tagħha tolqot l-għajn minħabba l-ilbies ferm abbundanti u, tneħħi ċintorin ċelesti, kollu abjad tagħha.

L-intenzjoni tal-pittur (u tal-konsulent tiegħu) tinftiehem mill-ewwel jekk niftakru li fit-tradizzjoni ta' l-arti figurattiva nisranija, l-aktar dik antika, l-ilbies, paragunat ma' l-għera, kellu tifsira simbolika. L-għera kien juri l-istat tal-bniedem skond in-natura, għalhekk l-istat mhux tant tal-mistħija daqs kemm tad-dgħufija u l-faqar. Għall-kuntrarju, l-ilbies kien ifisser l-ornament tal-grazzja, il-mant tas-salvazzjoni.

Għalhekk l-ilbies abbundanti ta' Marija fil-kwadru ta' Caruana jfisser il-kotra tal-grazzja f'Marija. Infatti Dik li kellha ssir Omm Alla – waħedha fost il-bnedmin, u biss għall-merti previsti ta' Binha – tnisslet fil-grazzja u kienet dejjem qaddisa, "mimlija bil-grazzja" (Lq. 1, 28). Il-bjuda ta' lbiesha, bħall-bjuda tal-ġilju f'id l-anġlu ta' ħdejha, tfisser is-safa, waqt li l-faxxa kaħla ma' qaddha tfakkar il-verġinità ta' Dik li saret Omm bla ma ttiefset xbubitha. Il-ġest delikat ta' jdejn Marija jesprimi ferħ u ħajr bħal dak li nsibu fil-Magnificat (Lq. 1,46 - 55); donnha Marija qed tgħid bi kliem il-Profeta f'isem Sijon: "Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej...għax hu libbisni b'ilbies is-salvazzjoni, bil-mantar tal-ġustizzja għattieni" (Is 61, 10)

Il-mant tas-salvazzjoni li jgħatti lil Marija huwa f'kuntrast kbir ma' l-għera ta' Adam u Eva,li jidhru



żgħar wara li dinbu fir-rokna t'isfel tal-kwadru. Il-pittur gustamet ifakkar fir-rakkont tal-ktieb tal-Ġenesi, Kap 3 u fit-trijonf li Alla ħabbar li kellu jġib nisel il-mara fuq is-serp (ix-xitan) li wassal għad-dnub. Ir-rivelazzjoni sħiħa (rappreżentata fil-kwadru permezz tas-simboli ta' l-erba' evanġelisti) tgħarrafna li n-nisel ta' l-ewwel mara li saħaq ras is-serp huwa Kristu. Imma ma' Kristu hi msieħba wkoll ommu Marija, mhux biss għax hi "l-imbierka fost in-nisa" (Lq 1, 42) li f'isimna laqgħet il-Feddej, imma wkoll għax fiha, l-Immakulata, seħħet fl-ogħla grad (dak preservattiv) l-opra tal-fidwa. Marija liebsa l-mant tas-salvazzjoni, għalhekk, tidher tgħaffeġ b'riġilha ras is-serp.

Alla wassal il-milja tal-grazzja f'Marija sal-glorja fir-ruħ u l-ġisem – kif għad jagħmel magħna

Ikompli f'paġna 3

*u jaqbad minn paġna 1*

wkoll, fuq ix-xbieha ta' Kristu rxoxt; għax għandu jkun hemm "sema ġdid u art ġdida" (Apok.21,1) lil hinn mill-affarijiet ta' issa li jgħaddu.

Fl-arti nisranija s-simbolu ta' dawn l-affarijiet li jgħaddu huwa l-qamar, għax dan dejjem jinbidel.

Fil-kwadru ta' Caruana, għalhekk, Marija, li ġa laħqet il-perfezzjoni tat-tmiem, tidher tirfes ukoll il-qamar.





F'dan l-istat glorjuż Marija hi l-ikona (xbieha) ta' dak li għad tkun il-Knisja fit-tmiem tal-pellegrinaġġ tagħha għal għand Alla. Il-ktieb ta' l-Appokalissi jgħid: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha" (Apok.12,1). Din il-Mara hi l-Knisja. Imma s-Santi Padri u l-Liturġija jaraw fiha wkoll lil Marija, għax fiha tinġabar il-Knisja.

Għalhekk fil-kwadru ta' Bormla Marija tidher imdawla u b'kuruna ta' tnax-il kewkba madwar rasha. Hi xbieha tal-Knisja fil-glorja tat-tmiem.

Fil-pjan li sawwar minn dejjem Alla ħaseb lil Marija, u fil-fatt għamilha, bħala l-kapolavur tal-ħolqien u tas-salvazzjoni: Marija hi l-ogħla eżempju tal-"barka" ta' Alla.

Il-kwadru ta' Bormla jipprova jesprimi grafikament il-ġest ta' Alla huwa u jagħti din il-"barka", u l-ammirazzjoni ta' l-anġli hi u ħierġa mill-id ħallieqa tiegħu Marija mimlija bil-grazzja u predestinata għall-glorja.




**MR. CHICOS**

FRIDGES
&
WASHING MACHINES
REPAIRER

*60, Matty Grima Str., Cospicua. Tel: 878387*


Mill-Pinna ta'
## L-ARĊIPRIET

# L-IMMAKULATA fl-1987

Kulħadd għandu l-mod tiegħu biex jara u jammira s-sabiħ. Is-sabiħ ipaxxi għajnejna, is-sabiħ jagħtina sodisfazzjon, is-sabiħ jimlilna qalbna b'ħafna ferħ, is-sabiħ jikkalmana. Għalhekk kull bniedem wara li jkun ra s-sabiħ ikun jixtieq joħloq is-sabiħ. Elfejn sena ilu Alla ħalaq l-isbaħ ħaġa li qatt setà joħloq meta ħalaq lil Ommu Marija u elfejn sena ilu d-dinja ħarset mistgħaġba meta rat Mara tnissel mingħajr id-dnub tan-nisel.

F'Jum il-Festa tal-Kunċizzjoni, il-Knisja tifraħ lil Alla u tgħidlu: "Prosit kemm taf tagħmel egħġubijiet kbar! Prosit xi ġmiel ta' mara ħlaqt biex tkun Ommok! Aħna nafu kemm int setgħan u kbir imma llum tajtna prova kbira tas-setgħa tiegħek!"

Huwa dan il-mument ta' fidi kbira f'Alla li wassal lil tant bnedmin jonqxu xbihat sbieħ ta' Marija Immakulata. Li jpinġu dawk il-kwadri li jgħaxxquk qisha l-kelma biss tonqoshom. Jew li jiktbu dawk l-innijiet u dik il-mużika li tqanqlek għar-ritmu tagħha. L-Immakulata tfisser is-sabiħ kif jaf jagħmlu Alla, għalhekk tqanqal fil-bniedem ħsibijiet u xewqat ta' sbuħija.

Kull meta nħarsu lejn il-wiċċ għażiż ta' l-Immakulata naraw lilna nfusna bħal f'mera li qisha tgħidlek: "Ara hekk għandek tkun quddiem il-Mulej mingħajr dnub". Id-dnub u l-Immakulata ma jmorrux flimkien. Jaħasra x'ħerba jagħmel fostna d-dnub! Iwassalna biex nagħmlu vendetta minn xulxin, iħarrxilna qalbna lejn ħutna, jimliena bir-rebgħa għall-ġid ta' l-art u jħallielna togħma morra f'ħajjitna.

F'din il-Festa tal-Kunċizzjoni tas-Sena Marjana erġa agħti qalbek mill-ġdid lil Marija Immakulata. Erġa' fittex il-ħbiberija ma' Alla mill-ġdid fi qrara sewwa. Hemm tara kemm hi sabiħa l-Immakulata!